MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Numru 1081/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs.**

**Shaun Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Shaun Caruana**, ta' sbatax (17) il-sena, iben Raymond u Mary'Anne xebba Zerafa, imwieled l-Pieta' fit-8 t'April 1995 u residenti temporanjament gewwa YMCA, Valletta, detentur ta' karta ta' l-identita bin-numru 157695(M), akkuzat talli;

nhar is-17 ta' Ottubru 2012, ghal habta tal-5:15pm, gewwa Notre Dame Ditch fil-Floriana, ikkommetta serq ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa minn gewwa vettura u dan ghad-detriment ta' Guido Briffa, bi

ksur ta' Artikolu 261(b) u (g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta,

nhar is-17 ta' Ottubru 2012, ghal habta ta' 6:15pm, fi Triq l-Assedju l-Kbir gewwa l-Belt Valletta ikkommetta serq ta' handbag ghad-detriment ta' Joan P. Chapman ta' nazzjonalita' Ingliza bi ksur ta' artikolu 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija tikkunsidra lill-imputat bhala recediv ai termini ta' l-Artikoli 49, 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.[1]

Rat li, waqt is-seduta tal-5 ta' Novembru 2012, l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u li kkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dawn ghalhekk huma sodisfacentement pruvati.

Illi, dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu diversi fatturi in konsiderazzjoni, fosthom: in-natura tar-reati addebitati lill-imputati, l-ammissjoni bikrija tal-imputat f'dawn il-proceduri, il-fatt li l-imputat ghandu 17-il sena, u x-xiehda moghtija minn Jean Paul Mifsud fis-seduta tallum. Mill-atti jirrizulta li l-imputat ghandu bzonn ta' ghajnuna u dan huwa proprju dak li ser taghmel il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat Arikoli 37, 49, 50, 261(b), 261(g), 284 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq

[1] *A fol.* 5.

ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta’ l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, a tenur ta’ l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta tqieghed lill-imputat Shaun Caruana taht ordni ta’ *probation* ghal perijodu ta’ tlett (3) snin mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digriet moghtija llum stess u anness ma’ din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta l-Qorti fissret lill-imputat Shaun Caruana bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta’ l-ordni ta’ *probation* u tal-kondizzjonijiet <u>kollha</u> elenkati fid-Digriet anness ma’ din is-sentenza u li f’kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma’ dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f’kaz li jaghmel reat iehor tul it-terminu ta’ l-ordni ta’ *probation,* jistgha jinghata sentenza ghar-reati li taghhom nstab hati b’din is-sentenza.

*Ai termini* ta’ l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tordna li kopja ta’ din is-sentenza u ta’ l-ordni ta’ *probation* moghtija b’Digriet ta’ llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta’ Probation sabiex jassenja ufficjal tal-*probation* biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza ta’ l-imputat Shaun Caruana.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------